**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35** **14 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Keoron Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

35.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 34**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 34, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 34 ġew approvati b'mod unanimu.

35.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.2.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li s-Sibt 18 ta' Ġunju se tinżamm il-Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.

35.2.2 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant'Andrija, se jkunu qed jiġu mmarkati n-numri tal-gabbani, sabiex ma jkunx hemm abbużi minn tal-kiosks.

35.2.3 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li Infrastructure Malta se tkun qed tagħmel *extensive patching* fi Triq Dun Pawl. Dan ix-xogħol mistenni jitlesta sal-aħħar tal-ġimgħa.

35.3 **Tenders**

35.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa qed taħdem fuq it-tender tal-finishings tal-letrina fi Triq Dun Pawl. Huwa ppjanat li din it-tender tiġi ppubblikata l-ġimgħa d-dieħla.

35.4 **Ħwejjeġ Oħra**

35.4.1 **Is-Sindku John Schembri** nfurma li nhar it-8 ta' Lulju se ssir il-ħarġa ta' wara l-festa, għall-Għawdex.

35.4.2 **Il-Kunsillier Eric Camilleri** nfurma li qed jiġbor l-istimi għall-attivita' f'Settembru 2022, li qed tiġi ppjanata għad-9 ta' Settembru. S'issa bħala stima waslet tal-Palace String Orchestra, li tammonta għal € 7,550.

**Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona li dakinhar stess tinżamm ukoll Wirja tal-karozzi antiki mill-Old Motors Club ad unur l-mibki kunsillier Victor Caruana li kien membru attiv f'dan il-klabb. Il-Kunsillier Eric Camilleri ppropona wkoll li ssir laqgħa mal-għaqdiet sabiex naraw min hu nteressat li jipparteċipa u jarma bi stands ta' ikel u xorb. F'każ ta' maltemp il-Kunsill jirriserva d-dritt li l-attivita' tiġi posposta.

35.4.3 **Il-Kunsillier Eric Camilleri** ġibed l-attenzjoni li qed isiru rapporti dwar propjeta' privata li qed isservi bħala post għat-talba mingħajr permess. Is-Sindku nfurma li ttieħdu l-passi neċessarji mill-Pulizija diġa dwar dan il-każ.

35.4.4 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** talab li jsiru cigarette bins ħdejn il-każini tal-banda u l-każini politiċi.

34.5.1 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** nfurma li s-CV tal-mibki Victor Caruana tlestiet u se jkun qed jgħaddiha lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex titressaq it-talba tal-isem ġdid tat-triq.

34.5.2 **Il-Kunsillier Maria Magri** nfurmat li se jsir MoU mir-Reġjun Nofsinhar mal-każini tal-lokalita', fejn se jingħataw € 1,000 sabiex tinżamm attivita, bil-kundizzjoni li l-attivita' ma ssirx fi żmien il-festa**.**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma wkoll li se tkun qed issir magna tal-flixken fiż-żona ta' Ħal Farruġ. Din iz-zona ntagħżlet għall-fatt li r-residenti taċ-Ċentru se jkunu provduti magna fil-parkeġġ ta supermarket ċentrali.

**34.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Maria Magri** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**34.7** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata.

Konfermati, llum ____________________________________

John Schembri<br>Sindku

Karen Camilleri<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv